KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 33 Erbgħa 26 ta' Mejju 2021

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:15 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Romilda Baldacchino Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Mikhail Micallef -Kunsillier
Danny Farrugia – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Angele Rapa - Kunsillier
Shirley Abela – Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier

ASSENTI

MISTIDEN
Perit Daniel Tabone - DTRMS

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Romilda Baldacchino Zarb ippresediet l-laqgħa.

33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija, tal-Kunsilliera Rapa, S. Abela u Zerafa. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 30 u 32.
Laqgħa numru 31 ġiet ikkanċellata, u għalhekk minuti għal-approvazzjoni ma kienx hemm.

**REF: 32.2.1 Skeda ta Pagamenti**

Il-Kunsillier Cassar talab biex fil-laqgħa li jmiss jiġu mressqa fuq il-mejda tal-Kunsill it-tlett kwotazzjonijiet relatati max-xogħol ta' Luciano Baldacchino.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dejjem u hija proċedura li nitolbu tlett kwotazzjonijiet, imma reċentement bil-problemi tal-kuntratturi relatat ma kostruzzjoni, preżenti mhux dejjem tkun faċli li jipprovdulna. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li jekk tiftakar sew hemm il-kwotazzjonijiet u ħadet nota biex jkunu preżentati fil-laqgħa li jmiss.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 32.

**REF: 24.4.5 Kommunikazzjoni – Proġetti**

Il-Kunsillier Cassar nforma li tajjeb li l-bankina saret il-barra minħabba x-xelter, però l-bankina tal-faċċata saret mal-livell tat-tarmak, fejn inħoloq kunċett ta' *share the road,* u għalhekk tajjeb li jsir *double yellow line,* li fil-verità parkeġġ li qatt ma kien hemm.

Fejn jidħol ix-xogħol tal-Elles Il-Kunsillier Cassar u l-Viċi Sindku nformaw, li ma jistax jkun li qed jdum ma jitlesta x-xogħol, jekk hemm bżonn jitkeċċa. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qed naħdmu fuq erba' tenders li wieħed minnhom huwa ta' Adam. Diġà problema nsibu min jagħmlilna x-xogħol, u għalhekk jekk jitkeċċa mhux ser jkollna biex nkomplu x-xogħolijiet.

Il-Sindku staqsiet jekk intbagħtitx l-ittra lil Elles, u s-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ntbagħtet fid-9 ta' Marzu 2021, liema ittra ntbagħtet wkoll b'imejl. L-istess ittra ġiet lura, b'kitba fuq l-envelop '*does not live here',* u għalhekk ingħatatlu bl-idejn mil-*handyman* tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li Giovann qatt ma rrisponda, għalkemm intbagħtulu żewġ imejls oħra fit-12 u 25 ta' Marzu 2021.

Is-Sindku talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex issir laqgħa ma Giovann (Elles).

Fis- 6:40pm saret sospensjoni ta' l-aġenda biex Il-Perit Daniel Tabone jispjega r-rapport tiegħu dwar *item* 33.3.6 – Bidnija Bridge.

**REF: 26.4.4 Kommunikazzjoni – CCTV Cameras ma l-ex Zamco**

Is-Sindku nfurmat li ser jkollna żewġ CCTV *cameras* mir-Reġjun fejn waħda ser teħel fejn kien man naħa ta' Piccinino, biex turi fejn kien ex Zamco u l-Ideal Bathrooms. It-tieni CCTV tkun mwaħħla man naħa ta' Cauchi (Każin Nazzjonalisti), u t-tielet CCTV jixtriha l-Kunsill.

Is-Sindku staqsiet lil-membri preżenti biex jissuġġerixxu post għat tielet *camera.* Saret diskussjoni fejn il-Viċi Sindku 'u l-Kunsillier Deguara ssuġġerew li hemm bżonn oħra l-Pjazza għax CCTV waħda mhux biżżejjed. Il-Kunsillier Deguara żied jgħid li t-tieni *camera* hemm bżonna għax jekk ikun hemm żewġ karozzi jew aktar ipparkjati ħażin, ikun jidher biss in-numru tal-ewwel karozza.

Il-Kunsillier Deguara kompla jgħid li anki fejn il-Maypole fi Vjal Qalbiena Mostin, issuġġerixxa li jkun hemm waħda daqskemm jipparkjaw ħażin, li kultant lanqas tal-linja ma tgħaddi.

Is-Sindku nfurmat li fejn hemm il-problema tal-Maypole, ir-residenti ma jridux li jkun hemm *camera* li titfá fuq il-garaxxijiet tagħhom.

**REF: 26.3.1 Kommunikazzjoni – Triq il-Paroċċa**
Il-Viċi nforma li għad jrid jiltaqa' ma Transport Malta rigward it-tabelli ta' triq il-Parroċċa. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil Viċi Sindku, biex malli jkollu konferma, jinformaha x'tabelli hemm bżonn li jiġu ordnati.

**REF: 27.3.9 Kommunikazzjoni – Servizz ta' Electrician u Contracts Manager**
Is-Sindku nfurmat li talbet għal *update* lir-Reġjun.

**REF: 27.3.10 Kommunikazzjoni – Tad-Dib u Wejda.**
Is-Sindku nfurmat li tabelli li għadhom ma sarux, ser jsiru wara li titlesta triq Durumblat.

**REF: 27.3.1 Elezzjoni Każwali u Membru fil-bord tal-Claims**
Il-Kunsillier Cassar nforma li ltaqa l-bord fejn evalwa 6 *claims*. Erba' *claims* ġew approvati li jammontaw għal €425 bi tnaqqis ta' 10% fuq *wear and tear,* b'total ta' €382.50. Waħda ntbagħtet lura għax ix-xogħolijiet kienu qed jsiru min Infrastructure Malta, u *claim* oħra ntbagħtet lil Avukat tal-Kunsill, peress li kitbulna bl-Avukat.

**REF: 30.3.5 Kommunikazzjoni – Tneħħija ta' Palma minn triq il-Mitħna.**
Is-Sindku staqsiet lis-Segretarju Eżekuttiv jekk saritx l-applikazzjoni ma l-ERA, u jekk iva, jekk rċevejnhiex l-approvazzjoni mingħand l-ERA.

**REF: 30.3.8 Kommunikazzjoni – Cloud PABX**
Il-Kunsillier Cassar nforma li trid issir laqgħa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Melita fuq il-post. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota.

**REF: 30.4.4 Kommunikazzjoni – Stqarrija mid-DOI**
Il-Kunsillier Cassar nforma li l-istqarrija mid-DOI ġiet irranġata fejn l-ammont tal-proġetti huwa ta' €600,000 u mhux ta' miljun Ewro.

**REF: 30.4.5 Kommunikazzjoni – Tabelli Skola Sta. Monica**
Saret diskussjoni dwar it-tabelli. Il-Kunsillier Cassar għamel referenza fejn Transport Malta talbu bil-miktub jekk is-sorijiet ta' Sta. Monica jsibux oġġezzjoni għat-tlaba ta' ħames vannijiet, liema ittra ta' *no objection* intbagħtet lil Transport Malta però ma rċevejniex risposta.
Kompliet id-diskussjoni, fejn is-Sindku nfurmat li s-sorijiet informawha li ma jridux jkunu marbutin li jidħlu u joħorġu min l-istess triq. Il-membri preżenti qablu li dan il-każ issa magħluq, u jekk hemm bżonn nerġgħu nevalwaw meta tiftaħ l-iskola.

**REF: 30.4.6 Bandli Żokkrija u Parkour Blata l-Għolja**
Is-Sindku nfurmat li dwar il-kuntratt tal-Parkour għadna qed nistennew mil-Planning Authority għax kienu bagħtu imejl biex nibgħatu l-applikazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota għax hemm korrispondenzi varji mal-Planning Authority, fuq l-Parkour tal-Blata l-Għolja.

Rigward il-Bandli taż-Żokkrija is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-imejl li ntbagħtet bid-data 10 ta' Ġunju, hija biss parti mid-draft tal-kliem ta' fuq il-plakka. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li flimkien mas-Sindku marru fuq il-post, u għad fadal xi xogħol żgħir li għad jrid jsir.

Il-Kunsillier Gatt nforma u wera ritratt ta' persuna qed taqbeż iċ-ċint fejn għad m'hemmx grada. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tinforma lil-*handyman* tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri preżenti biex meta jkun hemm każijiet ta' periklu, jistgħu jċemplu dirett lil-*handyman* tal-Kunsill u anke lilha, u wara jibgħatu imejl fuq l-imejl uffiċjali tal-Kunsill bid-dettalji ħalli jkun hemm rekord uffiċjali.

REF: 30.5.1 PA/09958/18 Demolition of existing Public Convenience

Il-Viċi Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tfakkar l-Perit tal-Kunsill japplika għal-*minor amendment,* għal *canopy* u għal-kamra tad-*disabled toilet,* li mhux ħa titneħħa/titwaqqa.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 30.

33.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

33.3.1 Kommunikazzjoni – Tenders due to end in September 2021- Cleaning and Upkeep of Public Convenience and Cleaning Services at Mosta Local Council Premises.

Il-membri preżenti approvaw li jinħadmu u jinħarġu it-tenders għal-*Cleaning and Upkeep of Public Convenience* u tal-*Cleaning Services at Mosta Local Council Premises.*

Għat tender tal-*public convenience* il-membri preżenti qablu li dan jinħareġ għal-sena u jiġġedded jekk jkun hemm bżonn, minħabba li l-*public convenience* l-Kunsill applika biex dawn jitwaqqgħu u jerġgħu jinbnew.

33.3.2 Kommunikazzjoni -Claims Committee Report

Din l-*item* ġiet risposta REF: 27.3.1.

33.3.3 Kommunikazzjoni - Aġġornar tal-Listi tat-toroq tal-Kunsilli Lokali

Il-membri preżenti nformaw li l-lista li ntbagħtet mid-DLG mhux korretta mija fil-mija. Il-Kunsillier Cassar nforma li mpossibbli tniżżel il-lista kollha tat-toroq għax il-Mosta mhux lokalità żgħira, u għalhekk irridu nimxu mal-*locality boundaries.*

33.3.4 Kommunikazzjoni - Lights Proposal Quote

Is-Sindku resqet l-kwotazzjoni tal-Micamed fejn *floodlight* ta' 90W solar 106.08 inkluż VAT u ta 40W tiswa 55.50 inkluż VAT. Il-Kunsillier Cassar talab biex nistaqsu jekk l-Koptasin għandux dawn id-dwal. Is-Sindku talbet biex għal-laqgħa li jmiss jiġu provduti il-kwotazzjonijiet kollha li tlabna.

33.3.5 Kommunikazzjoni – Xogħol fi Triq il-Bajtar

Is-Sindku nfurmat lil-membri preżenti dwar imejl li ntbagħtet lil-Viċi Sindku biex jiġi nfurmat li *works order* ta' triq il-bajtar ma nħarġitx, u għalhekk ma tistax tifhem kif xogħolijiet għal din it-triq li ilhom jissemmew f'laqgħat tal-Kunsill, ma nħarġitx *works order.* Il-Kunsillier Cassar nforma li l-kuntratturi obbligati li jibdew ix-xogħolijiet meta tinħareġ *works order.* Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li meta waqt laqgħa jiġi approvat biex jsir xi-xogħol, biex tiġi maħruġa *works order*, jrid l-Kunsill jagħti approvazzjoni ta' liema xogħol jrid jsir.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ħa tinħareġ *works order* bix xogħolijiet approvati mil-Kunsill, u ikkjarifikat li fil-każ ta' l-imejl, hija b'mod speċjalment relatata ma talba li għamel il-Viċi Sindku lil Infrastructure Malta, fejn talabhom biex jgħinu fix-xogħolijiet, meta aħna marbutin mal-kuntratturi tagħna li ma jistgħux jinqabżu sakemm ma jinfurmawnhiex li mhux lesti li jonoraw it-talbiet tal-Kunsill skond il-kuntratt.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat wkoll li jekk jitkeċċa l-kuntrattur l-Kunsill jrid jmur fuq it-tieni *bidder*, fejn il-membri preżenti qablu li jekk l-Kunsill jmur għat tieni *bidder* xorta ħa jkollna l-problemi.

### 33.3.6 Kommunikazzjoni – Bidnija Bridge - condition report

Il-Perit Tabone spjega li mil-*condition report* li sar dwar il-ħsara li għandu l-pont tal-Bidnija, jirriżulta li dan il-pont wasal biex jerġa jinbena mil-ġdid. Għalkemm il-pont ilu mibni mhux fi stat ta' periklu li ser jċedi, però inutli nibqgħu nsewwu fih.

Il-Viċi ssuġġerixxa biex il-Perit Tabone jagħmel rapport ieħor, dwar kemm bħalissa jiflaħ tunnellaġġ il-pont. Kif il-Perit Tabone jlesti r-rapport, jiġu ordnati tabelli li juru liema huma dawk il-vetturi / trakkijiet, li jistgħu jsuqu u jgħaddu min fuq il-pont tal-Bidnija skont it-tunnellaġġ li ħa jindika l-Perit, sakemm naslu biex dan il-pont jinbena mil-ġdid.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tinħareġ *Works Order* lil-Perit biex jkun jista' jħejji r-rapport tiegħu.

### 33.3.7 Kommunikazzjoni – Request for installation of medicines vending machine

Saret diskussjoni u l-membri preżenti m'approvawx it-talba biex issir *vending machine.* Dan għaliex jkun qed jinħoloq preċedent, hemm Bye-Law dwar reklamar, fejn il-Kunsill waqt laqgħa kien approva li ma jkunx hemm reklami fil-pjazza, apparti li l-Kunsill diġà qed jaħdem fuq kunċett ta' *vending machines,* fejn eventwalment trid tinħareġ *expression of interest.*

### 33.3.8 Kommunikazzjoni – Tenders Evaluators & committee members

Is-Sindku nfurmat li bħala *tenders evaluators* u *committee members* baqgħu l-istess bħal qabel, apparti l-bidla fejn il-Kunsilliera Rapa irriżenjat u flokha ġie approvat il-Kunsillier Cassar.

| | |
|---|---|
| Tender Coordinator: | Candice Coppola |
| Tender Evaluators: | Romilda B. Zarb<br>Keith Cassar<br>Marvic Camilleri |
| Procurement Officer Evaluating Staff (Chairperson): | Lorraine Zammit Tabone |
| Procurement Officer Evaluating Staff Responsible (Secretary): | Lorraine Templeman |
| Opening Staff: | Rita Galea<br>Nadia Micallef Camilleri |

### 33.3.9 Kommunikazzjoni - BM 150- Embellishment of Urban Squares

Is-Sindku talbet lil-Kunsillier Cassar biex juri l-preżentazzjoni (Appendiċi A) fuq l-iscreen. Din il-preżentazzjoni ntbagħtet min membru tal-pubbliku, u l-ideja tagħhom ta' siġar mat-tul tal-bankina fiż-żona ta' Mlit, tista' tintuża għal applikazzjoni ta' *Embellishment of Urban Squares.* Saret diskussjoni mil-membri preżenti u ġie innotat li hemm PC *application building alignment*, fi triq l-Antinni, u għalhekk din jista' jkun ġlieda tar-residenti biex jwaqqfu din il-PC *application*. Is-Sindku ħa tirrispondi fuq din il-PC *application.*

Rigward BM 150- Embellishment of Urban Squares, Is-Sindku talbet lil-membri preżenti għal *feedback* tagħhom sa mhux aktar tard min nhar it-tnejn 31 ta' Mejju.

### 33.3.10 Kommunikazzjoni – Summer Stem Camps

Il-membri preżenti m'approvawx li l-Kunsill jħallas €144 għal-għalliem meta l-lezzjonijiet ser jsiru San Pawl il-Baħar u mhux ġewwa l-Mosta, biex jitħajru aktar Mostin jattendu.

33.3.11 Kommunikazzjoni- Estratt mill-Minuti Monument Missjunarji Maltin
Il-membri preżenti unanimament qablu li l-Monument Missjunarji Maltin ma jkunx mressaq aktar l-fuq, imma jibqa' fejn qiegħed illum, u jitpoġġa fuq ir-*roundabout* il-ġdida li Infrastructure Malta ħa tibni mil-ġdid flok dik li hemm illum.

Il-Membri preżenti talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma lil-Infrastructure Malta, u biex jibgħatu pjanta *updated* għal-approvazzjoni tal-Kunsill.

33.3.12 Kommunikazzjoni- MFED 11/2021 Students' Summer Work Opportunities 2021
Is-Sindku nfurmat lil membri preżenti li saret talba għal-tlett studenti biex jaħdmu mal-Kunsill fix-xhur tas-sajf.

33.3.13 Kommunikazzjoni- Robotica Coding u ECDL Online Training in the Community
Is-Sindku nfurmat li jekk napplikaw għaż-żewġ proġetti, il-prezz għal-Kunsill jkun ta' €4,950.

Robotica - L-istudenti għandhom jirreġistraw fil-Kunsill lokali tal-Mosta u jħallsu biss depożitu ta' €25, l-ewwel 50/60 postijiet għandhom ikunu riservati għar-residenti Mostin, dawk li mhumiex residenti tal-Mosta se jkunu elenkati fuq lista ta' stennija.

ECDL - L-istudenti għandhom jirreġistraw fil-Kunsill lokali tal-Mosta u jħallsu biss depożitu ta' €50, l-ewwel 40 post għandhom ikunu riżervati għar-residenti Mostin, dawk li mhumiex residenti tal-Mosta jiġu elenkati fuq lista ta' stennija.

Residenti mhux Mostin jekk il-postijiet huma disponibbli, għandhom iħallsu depożitu ta' €25 u €125 għall-eżamijiet.

ROBOTICA
Il-membri preżenti unanimament approvaw ir-Robotica Training għal 50/60 student, u kull min jkun interessat irid jiġi jibbukkja l-Kunsill u jħallas biss id-depożitu ta' €25. L-ewwel 50/60 postijiet ħa jkunu riżervati għal-Mostin, jekk il-postijiet ma jittieħdux min residenti Mostin, il-kumplament tal-postijiet li jifdal jkunu miftuħin għal-pubbliku ġenerali.

ECDL
Il-membri preżenti unanimament approvaw il-kors ta' l-ECDL li jkopri l-kors u l-eżamijiet. Postijiet disponibbli hemm għal 40 student, u kull min jkun interessat irid jiġi jibbukkja l-Kunsill u jħallas biss id-depożitu ta' €50. L-ewwel 40 postijiet ħa jkunu riżervati għal-Mostin, jekk il-postijiet ma jittieħdux min residenti Mostin, il-kumplament tal-postijiet li jifdal jkunu miftuħin għal-pubbliku ġenerali u jħallsu depożitu ta' €25. Min mhux resident Mosti apparti d-depożitu jrid jħallas għal-eżami wkoll li jammonta għal €125.

33.3.14 Kommunikazzjoni- AED Devices
Is-Sindku nfurmat li r-Reġjun qed joffru lil Kunsill Automatic External Defibrillator (AED) b'xejn. Dan l-apparat jrid jeħel f'post pubbliku. Il-membri preżenti ddiskutew postijiet varji fejn jista' jeħel dan l-apparat, u qablu li għandu jeħel fejn jkun hemm il-monti, man-naħa tal-Ideal Bathroom.

Il-membri preżenti talbu biex nistaqsu lir-reġjun kemm jiswa AED biex jikkunsidraw li jitwaħħlu oħrajn f'postijiet oħra ġewwa l-Mosta.

Fit 8:35pm il-membri preżenti unanimament approvaw li l-ħin tal-laqgħa jiġi estiż sad-9:30pm.

### 33.3.15 Kommunikazzjoni- Traffic Management Vjal Il-Qalbiena Mostin

Il-Kunsillier Cassar qasam fuq l-iskrin mal-membri preżenti l-pjanta (Appendiċi B) ta' kif it-*traffic management committee* ddiskuta ta' kif għandu jkun il-*flow* tat-traffiku fi Vjal Il-Qalbiena Mostin.

Il-membri preżenti qablu mal-proposti li saru mit-*traffic management committee.* Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tibgħat il-proposta lil Perit Conti.

### 33.3.16 Kommunikazzjoni- Traffic Management tat-Tarġa Gap

Il-Kunsillier Cassar qasam fuq l-iskrin mal-membri preżenti l-pjanta (Appendiċi C) ta' kif it-*traffic management committee* ddiskuta ta' kif għandu jkun il-*flow* it-traffiku f'tat-Tarġa Gap.

Il-membri preżenti qablu mal-proposti li saru mit-*traffic management committee.* Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tibgħat il-proposta lis-Sindku biex tinforma lil-Perit Conti għal-*feedback* tagħha qabel ma ssir diskussjoni taż-żona mar-residenti.

Fid 9:05pm il-Kunsilliera Bonnici u Gatt talbu biex jiġu skużati mil-laqgħa.

## 33.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 33.4.1 Triq Durumblat

Il-Kunsillier Cassar nforma li la issa triq Durumblat lesta, il-parti fejn l-Kunsill talab sabiex issir *roundabout,* lestew il-bankina u allura jidher li mhux ser issir *roundabout*. Il-Kunsillier Cassar nforma li bħala Kunsill qatt ma nistgħu naċċettaw li jridu l-*bollards*, u ma jitħalliex li ma ssirx *crossing.*

### 33.4.2 PC Applications

Il-Kunsillier Cassar nforma li meta jintbagħatu lista ta' applikazzjonijiet, dejjem jdur dawk tal-Mosta, u ġieli jibgħat jistaqsi għal pjanta, u ma jkollux risposta lura.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-Kunsillier Cassar biex meta jkollu bżonn xi pjanti biex jiċċekkja PC *applications* ġewwa l-Mosta, jibgħat *request* lis-Segretarju Eżekuttiv u jċempilha minnufih jew jibgħatilha messaġġ biex hi toħroġ il-*works order* mil l-ewwel lil-Perit tal-Kunsill.

### 33.4.3 Street Luminaires

Is-Sindku nfurmat li hemm bżonn permess min DLG li l-Kunsill uża l-istess kuntrattur, biex nkomplu bil-fanali. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li mil-ewwel kien intalab permess mil-Planning Authority fejn ma sabux oġġezzjoni, u ħa tiċċekkja bħala DLG jekk kienx hemm permess wkoll.

### 33.4.4 Letter Box

Il-Kunsillier Micallef talab jekk tistax issir *letter box* fi triq il-Qares k/m triq il-Ġarrier.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota, u talbet lil Kunsillier Micallef biex jibgħat il-*location* qabel ma ssir it-talba lil Malta Post, biex nkunu żguri li fejn qed tiġi rikjesta l-*letter box* ma tkunx ostaklu tal-bankina.

### 33.4.5 Triq bla Isem

Il-Kunsillier Micallef nforma li hemm triq fi triq il-Kbira li huwa bla isem. Is-Sindku talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat lil-Kunsilliera Camilleri u Deguara, biex jsibu isem addattat.

### 33.4.6 Triq it-Torri

Il-Kunsillier Camilleri nforma li hemm bżonn jsiru *double yellow lines* faċċata ta' l-Oratorju, għax ġiet perikoluża iktar min qabel, għax qed jipparkjaw il-vetturi fil-kantuniera, u s-sewwieqa jridu joħroġu sa nofs it-triq biex wieħed jkun jista' jara biex joħroġ.

### 33.4.7 Mafkar

Il-Kunsillier Camilleri talab permess lil-membri preżenti biex jikteb mozzjoni għax jixtieq li jitwaqqaf mafkar żgħir li ma jiswiex ħafna flus, peress li l-knisja din is-sena ħa tagħlaq 150 sena konsagrata. Il-Kunsillier Camilleri nforma li qed jissuġġerixxi li jsir maġenb il-knisja u għalhekk talab l-approvazzjoni, biex jibda jaħdem fuq dan il-proġett. Il-membri preżenti unanimament approvaw biex jsir dan il-mafkar.

### 33.4.8 Ġnien l-Għarusa tal-Mosta

Il-Kunsillier Farrugia ppropona li l-lampi tal-ġnien jsiru tal-ħadid minħabba l-vandaliżmu li qed jkun hemm.

Il-Viċi Sindku qal wkoll li anke l-*bins* hemm bżonn jinbidlu. Il-*bins* li hemm għandhom is-*seperators* żgħar, li malli tarmi kaxxa tal-pizza jew flixkun ta' l-ilma, wieħed ma jistax jibqa' jarmi. Is-Sindku nfurmat li tal-Cleansing offrew li jibdlu dawn il-*bins*, pero' ma kienx qbil unanimu, u għalhekk il-membri preżenti qablu li jinġabu kwotazzjonijiet.

Is-Sindku nfurmat li waslitilha talba, li fir-rampa m'hemmx *hand rail,* u għalhekk hemm bżonn kwotazzjoni wkoll.

### 33.4.9 Green Wall

Is-Sindku talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat *works order* lil Perit tal-Kunsill biex jaħdem fuq rapport għal *green wall* fi Vjal Ragusa.

## 33.5 Rapporti

### 33.5.1 Update - Development Funds as at 26.05.2021

Is-Sindku tat rendikont tal-lista tad-*Development Funds*, liema lista tkun fil-*folder* tal-Kunsilliera mad-dokumenti ta' kull laqgħa.

### 33.5.2 KLMQ-01-2021 - Accountancy Services Quotation

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li wara li ntalbu l-kwotazzjonijiet għal-servizz ta' Accountancy Services KLMQ-01-2021, l-irħas kwotazzjoni kienet ta' Daniel Galea.
Il-membri preżenti approvaw l-irħas kwotazzjoni tas-Sur Daniel Galea.

### 33.5.3 KLMQ-02-2021 – Legal Services Quotation

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li wara li ntalbu l-kwotazzjonijiet għal-servizz ta' Legal Services KLMQ-02-2021, l-irħas kwotazzjoni kienet ta' Mifsud Advocates.
Il-membri preżenti approvaw l-irħas kwotazzjoni ta' Mifsud Advocates.

Fid 9:35pm il-Kunsilliera Camilleri talab biex jiġi skużati mil-laqgħa.

33.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

33.6.1 Skeda ta Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 116.

Il-Kunsillier Cassar talab biex għal laqgħa li jmiss jiġu provduti ż-żewġ kwotazzjonijiet l-oħra relatati mal-*bollards* tal-ġebel, fi Vjal Qalbiena Mostin.

Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 18 ta' Mejju sas-26 ta' Mejju 2021.

33.6.2 Purchase Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

33.6.3 Works Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*works orders*.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

33.6.4 Petty Cash

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*petty cash.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-*petty cash* li tkopri xahar ta April 2021. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

33.7 **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:40 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-15 ta' Ġunju 2021 fis-6:00pm.

Konfermati llum 26 ta' Mejju 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda B. Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |